DIRETTIVI

DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1437

4 ta' Mejju 2023

li temenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress xjentifiku u tekniku, l-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għall-użu tal-merkurju fit-trasdutturi tal-pressjoni tat-tidwib għal reometri kapillari f'ċerti kundizzjonijiet

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(a) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2011/65/UE tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li t-tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq ma jkunx fih is-sustanzi perikolużi elenkati fl-Anness II ta' dik id-Direttiva. Dik ir-restrizzjoni ma tapplikax għal ċerti applikazzjonijiet eżentati li huma elenkati fl-Anness IV ta' dik id-Direttiva.

(2) Il-kategoriji tat-tagħmir elettriku u elettroniku li għalihom tapplika d-Direttiva 2011/65/UE huma elenkati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.

(3) Il-merkurju hu sustanza ristretta elenkata fl-Anness II tad-Direttiva 2011/65/UE.

(4) Fis-26 ta' April 2021, il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni magħmula f'konformità mal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2011/65/UE biex tiġi elenkata eżenzjoni fl-Anness IV ta' dik id-Direttiva, għall-użu tal-merkurju fit-trasdutturi tal-pressjoni tat-tidwib għal reometri kapillari f'temperaturi ogħla minn 300 °C u pressjonijiet ogħla minn 1 000 bar ("l-eżenzjoni mitluba").

(5) It-trasduttur tal-pressjoni użat, inkorporat f'reometri kapillari, huwa magħmul minn komponenti elettriċi u huwa apparat tal-kejl elettriku fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2011/65/UE. Ir-reometri kapillari deskritti fl-eżenzjoni mitluba jaqgħu taħt il-kategorija 9 "strumenti ta' monitoraġġ u kontroll" tal-Anness I tad-Direttiva 2011/65/UE.

(6) L-evalwazzjoni tal-applikazzjoni għal eżenzjoni, li kienet tinkludi studju ta' valutazzjoni teknika u xjentifika ([2]), ikkonkludiet li s-sostituzzjoni tal-merkurju fi trasdutturi tal-pressjoni tat-tidwib għal reometri kapillari f'temperaturi ogħla minn 300 °C u pressjonijiet ogħla minn 1 000 bar bħalissa mhijiex prattikabbli mil-lat xjentifiku jew tekniku. L-evalwazzjoni kienet tinkludi konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati kif meħtieġ mill-Artikolu 5(7) tad-Direttiva 2011/65/UE.

(7) Waħda mill-kundizzjonijiet rilevanti speċifikati fl-Artikolu 5(1), il-punt (a) tad-Direttiva 2011/65/UE hija ssodisfata, jiġifieri dik li l-eliminazzjoni u s-sostituzzjoni mhumiex prattikabbli mil-lat xjentifiku jew tekniku.

([1]) ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88.

([2]) Studju biex jiġu vvalutati t-talbiet għal żewġ (-2-) eżenzjonijiet, għall-użu tal-merkurju fit-trasdutturi tal-pressjoni u tad-DEHP f'materjal bażi tal-PVC, fl-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE (Pakkett 25)

(8) Għalhekk, jixraq li tingħata l-eżenzjoni mitluba billi jiddaħħlu l-applikazzjonijiet koperti minnha fl-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE b'rabta mat-tagħmir elettriku u elettroniku tal-kategorija 9.

(9) Sabiex tinżamm il-konformità mar-restrizzjonijiet futuri fuq il-prodotti miżjudin bil-merkurju skont ir-Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), jeħtieġ li l-perjodu tal-validità tal-eżenzjoni jiġi limitat sal-31 ta' Diċembru 2025. Il-perjodu huwa stabbilit f'konformità mal-Artikolu 5(2), l-ewwel subparagrafu, tad-Direttiva 2011/65/UE.

(10) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Direttiva 2011/65/UE tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard minn tal-31 ta' Jannar 2024, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Dawn għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn tal-21 ta' Jannar 2024.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeterminaw kif trid issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Mejju 2023

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([3]) Regolament (UE) 2017/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 dwar il- merkurju, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008 (ĠU L 137, 24.5.2017, p. 1)

ANNESS

Fl-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE, jiżdied il-punt 49 li ġej:

"49	L-użu tal-merkurju fit-trasdutturi tal-pressjoni tat-tidwib għal reometri kapillari f'temperaturi ogħla minn 300 °C u pressjonijiet ogħla minn 1 000 bar	Tapplika għall-kategorija 9 u tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2025."